MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2006

Avviz Numru. 169/2005

**Franco Debono**

**vs**

**Jesmond Sant u martu Rita Sant**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-1 t'April tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu flimkien u in solidum bejniethom, lill-attur, is-somma ta' elf u seba' mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu, (LM1,752.55,0), rapprezentanti prezz ta' diversi oggetti ta' l-ikel u helu mibjugha u kkonsenjati lilhom fil-hanut Save 'N Smile fil-

Mosta fuq inkarigu ta’ l-istess konvenuti skond “delivery notes” debitament iffirmati mill-istess konvenuti jew impjegati taghhom fl-istess stabbiliment, kollox kif dokumentat u kif ser jigi ppruvat ahjra fil-kors ta’ dawn il-proceduri;

2. Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax kummercjali mid-data ta’ kull “delivery note”, f’kull kaz skond l-ammon hemm hekk indikat, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota datata s-26 ta’ Mejju tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenuta Rita Sant eccepiet is-segwenti:

1. Illi qabel xejn hija tinsab separata minn zewgha Jesmond li ilu zmien li telaq mid-dar taz-zwieg;

2. Illi l-esponenti m’ghandhiex x’taqsam mal-gestjoni tal-hanut Save ‘N Smile li jitmexxa minn zewgha Jesmond;

3. Illi ghalhekk hija mhix responsabbli tad-djun li qed jaghmel l-imsemmi zewgha;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota datata t-28 ta’ Gunju tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenut Jesmond Sant eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-konvenuti odjerni ghaddejjin prezentement proceduri ta’ separazzjoni personali, liema proceduri jinsabu quddiem il-Qorti Civili, (Sezzjoni Familja);

2. Illi hemm kontestazzjoni minn naha tal-konvenuta Rita Sant fil-proceduri ghas-separazzjoni personali li dawn l-ammonti huma dovuti minnha izda biss mir-ragel taghha l-konvenut l-iehor;

3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, jekk jigi deciz li dawn l-ammonti mitluba fl-avviz de quo huma dovuti, semmai ghandhom jigu mhallsa nofs b’nofs bejn il-

konvenuti stante li bejniethom kien u ghad hemm vigenti l-komunjoni ta’ l-akkwisti;

4. Illi ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti m’gahndhiex gurisdizzjoni li tidhol fi kwistjonijiet ta’ komunjoni tal-akkwisti izda l-gurisdizzjoni taghha hija limitata biss jekk dan l-ammont mitlub fl-avviz huwiex dovut jew le;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tal-partijiet datat is-17 t’Ottubru tas-sena 2006 li permezz tieghu iddikjaraw li qed jistriehu fuq il-provi minnhom prodotti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur jezercita l-kummerc taht l-isem ta’ socjeta’ civili “Debono Brothers” u jipproduci xoghol ta’ pasti u helu;

2. Illi l-prodott tieghu sussegwentement jiddistibwieh ghall-bejgh minn diversi hwienet, fosthom anke mis-“Save ‘N smile” tal-Mosta, proprjeta’ u gestit mill-konvenuti;

3. Illi l-ammont pretiz mill-atturfil-procedura odjerna u dak relattiv ghall-prodotti tieghu mibjugha u kkonsenjati fl-imsemmi hanut fuq inkarigu ta’ l-istess konvenuti;

4. Illi r-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet meritu ta’ din il-kawza bdiet fil-5 ta’ Dicembru tas-sena 2003 u ntemmet fid-9 ta’ mejju tas-sena 2004 wara li l-

konvenuti kien ilhom ma jhallsu lill-attur ghal perjodu konsiderevoli ghall-ammonti lilu minnhom dovuti;

5. Illi meta l-konvenuti waqqfu l-pagamenti dovuti lill-attur dawn kien ghad kellhom jaghtuh l-ammont meritu ta’ din il-procedura u dan ghall-prodotti lilhom mibjugha u kkonsenjati;

6. Illi l-ammont pretiz mill-attur hu soffragat mill-fatturi u dokumenti relattivi minnu prodotti f’din il-procedura;

7. Illi stante li ma kellu l-ebda alternattiva ohra, l-attur kellu jirrikorri ghal din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi r-relazzjoni bejn il-konvenuti hi ghal kollox irrelevanti ghall-vertenza odjerna;

Illi jirrizulta li l-gestjoni tal-hanut kienet f’xi zmien wahda komuni bejn il-konvenuti u f’iehor sussegwenti, unitarja stante li z-zwieg taghhom ghadu ma gie dikjarat xolt jew l-istess partijiet dikjarati separati;

Illi ghaldaqstant it-tlett eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta Rita Sant ma jreggux u qed jigu respinti;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Jesmond Sant ghandu jinghad is-segwenti:

1. Illi l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjonijiet minnu sollevati effettivament ma jikkwalifikawx bhala eccezzjonijiet izda huma biss konstestazzjoni deklaratorja ta’ fatti minnu hemm iffokati;

2. Illi rigward ir-raba’ (4) eccezzjoni ghandu jinghad li din il-qorti taqbel pjenament mieghu fir-rigward u qed tagixxa f’dak is-sens hemm indikat;

3. Illi t-tielet (3) eccezzjoni hi aktar ekwivalenti ta' dikjarazzjoni ta' xewqa tal-konvenut mill-eccezzjoni vera w proprja;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, takkolji t-talbiet attrici u:

1. Tikkundanna lill-konvenuti Jsmond u Rita Sant biex flimkien in solidum ihallsu lill-attur Franco Debono l-ammont ta' elf u seba' mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu, (LM1,752.55,0), rapprezentanti prezz ta' diversi oggetti ta' l-ikel u helu mibjugha u kkonsenjati lilhom fil-hanut "Save 'N smile" fil-Mosta fuq inkarigu taghhom stess;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti skond il-Ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------